KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta**
**Disa' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 8** **It- Tlieta 5 ta' Novembru 2024**

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-6:10pm ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Joseph Gatt – Sindku
Thomas De Martino – Kunsillier
Michaela Ann Bayliss – Kunsillier
Sammy Mallia – Kunsillier
Rachel Abela - Kunsillier
Aiken Zerafa - Kunsillier
Charles Schembri- Kunsillier
Anthony Agius Decelis – Kunsillier
Chris Grech – Kunsillier
Maria Pia Bonnici - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**
Keith Cassar – Viċi-Sindku

**ASSENTI:**
Andre Buhagiar- Kunsillier
Chantelle Portelli- Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Jeremy Bartolo – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Is-Sindku Joseph Gatt ippreseda l-laqgħa.

**8.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**
l- Aġent Segretarju Eżekuttiv qara l- ittra t' apoloġija tal- Viċi Sindku Cassar fejn stqarr illi ma' setgħax jattendi għal laqgħa peress li jinsab indispost.

6:08pm – Kien hemm qbil unanimu illi ssir sospensjoni tal-laqgħa sbiex jkun diskuss punt 8.5.1 mal-Accountant tal- Kunsill.

**8.5 Rapporti**

8.5.1 Quarterly Financial Report Q3 2024

L-Accountant tal-Kunsill preżenta il-Quarterly Financial Report Q3 2024, liema rapport jikkunsidra l-istatus finanzjarju tal-Kunsill sat- 30 ta' Settembru 2024. Kien spjegat li id-dejn żdied mit- tieni kwart (Q2), minn €622,278 sal- aħħar ta' Ġunju 2024, fejn il- Kunsill irċieva invoices ta' xogħol li kien sar qabel Ġunju 2024. Fil-Q2, l-NFSI kien - 39%. Fil-Q3 report kien imsemmi li issa d- dejn żied għas-somma ta' €681, 895 b' FSI ta' – 42%. Dan id- dejn jissejjaħ dejn "short-term"; il-Kunsill għandu dejn "long-term" u "short-term", jiġifieri current liabilities ta' €1,344,775.

6:28pm – Kien hemm qbil unanimu illi ssir sospensjoni tal-laqgħa sabiex jkun diskuss punt 8.5.2 mal-Avukat tal- Kunsill.

8.5.2 Street Sweeping Update

Is-Sindku stqarr li kien hemm laqgħa bejn id-Diviżjoni tat-tindif, is-Sindku, L-Aġent Segretarju Eżekuttiv, u l-Kunsillier Grech. Id- Diviżjoni offriet illi tagħti lill-Kunsill ftehim illi fih ikun jista jipprovdi 16-il kennies, u *supervisor* mit-Tnejn sas-Sibt. Issemma ukoll illi l-Kunsill jingħata *waste compactor*, fejn dan ikun jista jservi fil-Lokalita. Madankollu, il-Kunsill irċieva żewġ sottomissjonijiet ta' tenders tal-knis. L-Avukat beda jispjega il-proċedura legali ta' kif il-Kunsill għandu jipproċedi b'dawn l-offerti. Il- Kunsilliera qablu li għandha ssir laqgħa oħra mad-diviżjoni tat-tindif sabiex jiġu ċċarati iktar dettalji sabiex l-offerti jiġu evalwati fil-bord tat-tenders.

**8.2 Kunsiderazzjoni tal-Minuti nru 7**

8.2.1 Korrezzjonijiet - Minuti nru 7

2.4.13 Masterplan matul is-Sena MTA

Il-Kunsillier Grech stqarr kien hemm qbil mal-MTA li l-Kunsill irid jiġbor id-dokumenti li jindikaw permessi ta' mwejjed u siġġijiet eżistenti mingħand is-sidien tal-ħwienet sabiex issir *masterplan* tal-imwejjed u siġġijiet. Is-Sindku qal li l-Kunsillier Zerafa ser jiċċekja mal-Perit tal-Kunsill fejn ser isir dan l-eżerċizzju ta' studju sabiex imbagħad ssir il-*masterplan* li jindikaw dawk iż-żonijiet permessibli fil-Pjazza u mil-Lord Nelson sas-*City Bar*, sa Pjazza 16 ta' Settembru. Fejn imbagħad sidien ta' negozji kurrenti u ġodda, jkunu konformi mal-istess *masterplan*. Trid issir laqgħa mal-Planning Authority sabiex dan il-Masterplan jiġi approvat.

5.4.3 Proġett – *Housing Estate* (Kunsillier Grech)

Il-Kunsillier Grech jixtieq permess mingħand il-Kunsill sabiex jitlob lill-Gvern Ċentrali fondi biex isir proġett fil- *Housing Estate* mid-daħla tal-*Housing Estate* minn Vjal l-Indipendenza għal Triq Freddie Micallef sal- Pjazzetta tar-*roundabout* u minn Triq it-Trinċetta kantuniera ma' Mitħna sa Ġnien Kevin Vella, bil-*Planters* u/jew affarijiet simili. Il- Kunsillier Grech semma li jixtieq li ssir bankina ġdida magħmula minn materjal partikolari bħal porfido u/jew ġebel tal-qawwi b' serje ta' siġar fejn possibli. Il-Kunsillier Grech jixtieq il-permess mingħand l-kunsill biex iġib dawn il-fondi għal dan il-Proġett, mingħajr ebda spejjeż lill-kunsill. Kien hemm qbil mingħand il-Kunsilliera nem. Con. li l-Kunsillier Grech jipproċedi bit-talba għal dan il- proġett.

2.3.6 Project Green

Il-Kunsillier Grech bagħat email bil-permess tas-Sindku lill-Project Green (mehmuża) fejn intalbet laqgħa sabiex isiru *toilets* pubbliċi fi Ġnien Reġġie Cilia, jew inkella l- Kunsill jingħata biċċa art żgħira fejn umbgħad ikun jista jiżviluppa it-*toilets* meta jkun jista.

Fl-istess email, il-Kunsillier Grech semma li l-Kunsill m'huwiex lest jieħu ħsieb il-manutenzjoni kollha fi Ġnien Carmelo Dimech. F'dan ir-rigward, is-Sindku u l-Kunsillier Grech proponew li t-tisqija u s-soft areas jieħdu ħsiebhom Project Green. Is-Sindku semma li kien hemm qbil f'dan ir-rigward. Allura, l-Kunsill jieħu ħsieb il-*bins*, knis, dawl, manutenzjoni tad-dawl etc.

Il-Kunsillier Grech semma ukoll tkunx possibli li l-manutenzjoni tal-*landscaping* tal-Pjazza tiġi f'idejn Ambjent Malta. Il-Kunsillier Grech qal li kellem lil-Ministru, u għandu jirċievi notifika għal-laqgħa.

7.3.3 Upgrade near Sant Andrija Chapel Mosta - Żona tal-Qares

Is-Sindku semma li din hija skema mal- Public works, fejn ser isir pavimentar madwar il-Kappella bil-porfido, benches u siġar. Il-Kunsill m'huwiex ser jidħol fi spejjeż f' dan il-proġett, apparti s-siġar. Il-konsultazzjoni pubblika għas-servizzi ser issir min naħa tal-Public Works ukoll.

7.3.4 Ġnien Kevin Vella – Ta' Mlit

Il-Periti ta' Project Green ippreżentaw disinji tal-proġett li ser isir fuq il-ġibjun fiż-żona ta' Mlit. Il-Kunsillier Grech infoma lill- Periti u lis-Sindku li din ż- żona ġiet ċċertifikata bħala devoluta lill-Kunsill. Fl-10 ta' Ottubru 2024 ser iseħħ l-iffirmar tal-lease agreement mal-Lands Authority. Il- Periti kkonfermaw illi dan il-proġett ser ikun kompletament iffinanzjat min naħa tagħhom. Il- Peiriti ta' Project Green staqsew għandniex kopji tal- MOU tal-Ġnien ffirmat. Il-

Kunsillier Grech qal li għandna tnejn, wieħed tal-ġnien, u l-ieħor tal-ġibjun. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li ma sabx l- MOU ffirmat tal-ġnien, u sab biss tal-ġibjun. Il-Kunsillier Grech kien qed ifittex sabiex isib dan id- dokument. Issemmiet ukoll possibilta' li jsir open library fiż-żona kwieta tal-proġett. Il-Kunsillier Decelis issuġerixxa li l-librerija tista tkun online, u l-periti ta' Project Green kellhom jiċċekjaw f'dan ir- rigward. Il-Kunsillier Grech semma li jrid ikun indikat fil- pjanta fejn ser ikun hemm il- Blue badge parking peress li dan huwa ddettat mis-CRPD. Kienet msemmija mil- Kunsillier Grech tkunx possibli ssir xi garbage room inkorporata f' dan il- proġett sabiex tinżamm l-indafa fiż-żona u ma jkunx hemm boroż tal-iskart li jintefgħu fil-ġnien sakemm jinġabar. Finalment kien hemm qbil li fil-futur qarriebi trid ssir laqgħa ta' konsultazzjoni mar-residenti taż-żona fejn il-Kunsill jinforma lir-residenti bil-pjanijiet rigward dan il-proġett.

Il-Kunsillier Grech semma li l-Kunsill ser ikun devolut biss iż-żona tal-Ġnien, u l-ġibjun ikun devolut lill-Public Works minħabba raġunijiet ta' manutenzjoni u sigurta' tal-ġibjun bħala maħżen tal- ilma.

Il-Kunsillier Grech semma li l-Lands ħarġet in-*no objection* tal- Obelisk. Il– Kunsillier Grech semma ukoll li hemm l-applikazzjoni tal-Obelisk għaddejja mal-Planning Authority peress li fil- Kunsill passat kien hemm qbil li ssir l-applikazzjoni għalih. Il–Kunsillier Grech stqarr mas-Sindku li jrid jkompli d-diskussjonijiet mal-PAMA sabiex jiġu assigurati l- fondi għal dan il-proġett, peress li fi żmien l-leġiżlatura ta' qabel kien hemm diversi attentati biex ikun hemm ftehim, pero' dan ma mmaterjalizzax.

Il- Minuti numru 7 ġew approvati nem. con. suġġett għal dawn il- korrezzjonijiet.

8.2.2 Aġġornamenti ta' Minuti nru 7

5.3.3 Casa arkati

Is-Sindku semma li t-trinka tqattgħet u lesta u għaldaqstant huwa mistenni li t-*Traffic Lights* ta' Casa Arkati jkunu funzjonabbli sa' ġimgħatejn oħra, jiġifieri għal madwar għal nofs Novembru.

5.4.1 *Rights Project* (Kunsilliera Bayliss)

Is-Sindku semma li saret l-ewwel laqgħa tar-Rights Project li kien suċċess, dan sar mal-Kunsilliera Bayliss. Dawn it-tfal ħadu sehem ukoll fil-*cleanup* li kienet organizzata mil-Kunsill. Is-Sindku semma li ser jibda jkun hemm laqgħa ma dawn it-tfal kull xahar, u l-laqgħa li jmiss ser tkun fis-17 ta' Novembru 2024. Is-Sindku għamel appell sabiex ma tidħolx politika f'dawn il-Kunsill tat-tfal, peress li kien hemm ċertu kummenti fuq is-sit soċjali tal-Kunsill.

2.3.6 Project Green

Is-Sindku semma illi sar qbil illi jiġu inklużi t-toilets pubbliċi fil-proġett ta' Ġnien Reġġie Cilia li ser isir minn Project Green. Il- Perit inkarigat għal-dan il-proġett ser jinkudli d- disinn tiegħu fil-pjanti. Il-Perit tal-proġett qiegħed jagħmel il-konsultazzjoni. Il-Kunsillier Grech qal illi l-pass li jmiss huwa li tinħadem il- BOQ sabiex jinħareġ it-tender. Il-Minority Leader Agius Decelis staqsa jekk tkunx possibbli ssir laqgħa mal-Ministeru minħabba t-telf ta' parkeġġ li ser ikun hemm b' dan il- proġett.

5.3.4 Skeda ta' Żoni problematiċi ta' ħamiem

Is-Sindku qal li jixtieq jagħmel skeda ta' tindif, fejn l- ewwel jgħaddi l-isweeper biex jiknes umbad jinħasel il-ħmieġ tal-ħamiem. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv semma illi biex tagħmel dan ix-xogħol ser iżżid l-ispiża. Is-Sindku semma li ser ssir kollaborazzjoni mar-Reġjun Tramuntana sabiex il-ħamiem jiġu kkontrollati.

5.3.5 Żoni St Margerita, Triq Callus, Grognet de Vasse

Is-Sindku qal illi bħalissa għaddej ix-xogħol ta' tqaxxir tat-tarmac fiż-żona ta' Santa Margerita. Hemm *snag list* għal Triq Callus fejn baqa jsiru xi xogħolijiet u hemm rapport tal- WSC fejn instabu xi sistemi tad- drenaġġ mhux installati tajjeb u ser jsiru t-tiswijiet meħtieġa.

5.3.9 Konsultazzjoni pubblika tal- għeluq u ftuħ tal- Pjazza

Is-Sindku semma illi l-laqgha pubblika ma tal-ħwienet ser issir nhar l-Erbgħa 4 ta' Diċembru fis-19:30 minflok fid-29 ta' Novembru 2024, għal meta kienet oriġinarjament skedata.

Il-Kunsillier Grech semma illi l- *landscaping* tal- pjazza m' hijiex inkluża fil- pjan ta' ħidma tal-ġardinar. Il- Kunsillier Grech talab li jrid ikun jaf kemm ser jiswa il-ħidma ta' xogħol tal-ġardinar. Żvolġiet diskussjoni taħraq bejn il-kunsilliera peress li is-Sindku ma jixtieqx li l-Pjazza tibqa tingħata lill-entitajiet tal-Gvern, bħal ma ġara fil- każ tal-għeluq tal-Pjazza. Il-Kunsiller Grech qal illi dan ma jagħmilx sens meta tqis li għandna d-dejn, u qiegħed joffri li jġib dan is-servizz b' ebda spiża lill- Kunsill.

Il-Kunsillier Grech qal li hemm nies li m'humiex jitqabbdu xogħol. Is-Sindku għamel kjarifika illi ħadd ma tkeċċa, u l-Kunsill qabbad xogħol lill- kulħadd.

Is-Sindku stqarr illi ser isir laqgħa mal-ġardinar tal- Kunsill sabiex ikompli isir ix- xogħol ta' tisbiħ fil- Pjazza.

Il-Kunsillier Grech stqarr li jekk il- ġardinar tal- Kunsill m'huwiex ser iżomm il-Pjazza fi stat tajjeb, il-Kunsillier Grech ser jibgħat formalment lill- Gvern biex jieħu ix- xogħol il-Gvern ċentrali, u jiġi f'idejn Ambjent Malta.

5.4.5 Dekorazzjonijiet tal- Milied

Is-Sindku stqarr li ser jinġabru kwotazzjonijiet mill-għaqdiet Mostin kif ukoll entitajiet kummerċjali sabiex jissottomettu il-kwotazzjonijiet tagħhom. Il-Kunsill qiegħed jara ix-xogħol li kien sar fis- snin ta' qabel, u ser jara liema minn dawn iż- żoni ser jiġu nklużi. Is-Siġra tal- Milied ser issir ħdejn il- kanun fil- Pjazza.

**8.3 Kommunikazzjoni / Korrispondenza mis-Sindku**

*8.3.1 Claims Meeting*

Il-Kunsillier Zerafa ppreżenta dak li kien diskuss fil- *claims meeting*. Dan id-dokument u r-risposti kienu approvati nem. con. Kien hemm qbil li l- bord jiltaqa' ma' kull 10 claims li jirċievi l- Kunsill.

8.3.2 Talba għar- restawr tal- Mitħna ta' Cikku Fenech

Is-Sindku semma li rċieva talba għal- laqgħa mar- Ramblers Association Malta biex isir restawr fil- Mitħna ta' Cikku Fenech. Is-Sindku ser jieħu ħsieb jorganizza din il- laqgħa.

8.3.3 Ftuħ ta' Ċejlu Tonna

Ser tiġi diskussa fit- TMC (*traffic management committee*). Is-Sindku iddeċieda li il- bord tat-Traffic Management ser ikun bi 3 xhur prova u ser jkun kompost mis-Sindku, il-Kunsilliera Bayliss, il- Kunsillier De Martino, il- Minority Leader Agius Decelis u l-Kunsillier Grech.

8.3.4 Ittra impjegata tal- Kunsill – *notch progression*

Is-Sindku qara l-ittra mingħand impjegata tal-Kunsill Ruby Gatt fejn talbet biex titla min notch 3 għal notch 4. Din il-progressjoni kienet approvata nem. con.

8.3.5 Espressjoni t'interess tal- Karnival 2025 - SPI/SCI/8/2024

Il-Kunsilliera Bayliss semmiet skema fejn ħarġet skema mingħand id- Dipartiment tal- Gvern Lokali għal- għajnuna finanzjarja għal- Karnival 2025. Din l- iskema fiha fondi allokati b' massimu ta' €5000. Għaldaqstant, staqsiet lill- Kunsilliera jekk il- Kunsill għandux japplika għal din l-iskema. Il-Kunsilliera preżenti approvaw nem. con. li l-Kunsill japplika, u l-Kunsilliera Bayliss tipproċedi bl-applikazzjoni.

8.3.6 Talba għal- kiri ta' Ġnien l-Għarusa tal-Mosta għal-tieġ

Is-Sindku semma li jrid joħloq Commercialisation bye-law committee. Dan ser ikun kompost mill-Kunsillier Grech, il-Kunsilliera Bonnici, Kunsillier De Martino, Kunsillier Zerafa and u tnejn esterni, li ser jkunu preżentati fil-laqgħa tal-kunsill li jmiss. Il-Kunsilliera qablu li

sakemm ikun prezzijiet stabbiliti, ma jistgħux jingħataw permessi għal-tiġijiet. Għal dan l-għan, is-Sindku ser ilaqqa dan is-sottokumitat.

8:55pm L-Aġent Segretarju Eżekuttiv fakkar li baqa' 5 minuti għal-tmiem il-laqgħa.

9:00pm Kien hemm qbil unanimu li l-laqgħa tiġi estiża bi 30 minuta, sa 21:30pm.

### 8.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

8.4.1 Update tal-cleanup – Kunsillier Zerafa

Il-Kunsillier Zerafa semma illi fil- cleanup organizzata mill-Kunsill attendew diversi nies, u kien imnaddaf il-Wied. Attendew il-Community Police, membri tas-Soċjetà ta' Santa Marija, kif ukoll residenti. Il-Kunsillier irringrazzja lil kull min attenda, u ser jinforma l- Kunsill meta ser tiġi organizzata li jmiss.

8.4.2 Mistoqsijiet - Kunsilliera Bayliss

Il-Kunsilliera Bayliss staqsiet fuq kwistjoni ta' traffic management; speċifikament fuq il-coaches fiż- Żokrija. Is- Sindku semma li din ser tkun diskussa fit-traffic management. Il-Kunsilliera Bayliss staqsiet ikunx possibbli li toroq residenzjali jkunu riservati għal-Mostin biss. Il-Kunsilliera informaw lill- Kunsilliera Bayliss li dan ma jkunx possibbli.

8.4.3 Notifika tal- attivitajiet - Kunsillier Schembri

Il- Kunsillier Schembri ppreżenta il- ħarġa li jmiss li ser tkun fil- 21 ta' Novembru li ser issir f' Villa Romana fejn ser ikun hemm ukoll dawra bil- ferrovija. Il- Kunsilliera preżenti qablu mal- pjan propost nem. con. u allura il- Kunsillier Schembri ser jorganiżża din l- attività.

8.4.4 Sqaq Xorxa - Kunsilliera Bonnici

Il- Kunsilliera Bonnici staqsiet jekk huwiex ippjanat xi żvilupp fi Sqaq Xorxa. Is-Sindku qal li fil-jiem ta' qabel żar il- post, u qiegħed jitkellem mal- Public Works. Il-Kunsilliera semmiet li hemm bżonn isiru dawn ix- xogħolijiet minnufih, imqar għal-bidu tas-sena d-dieħla.

8.4.5 Diversi punti - Kunsillier Grech

Il-Kunsillier Grech informa l-Kunsilliera illi l-applikazzjoni tal-Kunsill għal-iskema tal-bollards għal-Pjazza ġiet aċċettata.

Il-Kunsillier Grech semma ukoll li l-infurzar tal- LESA qiegħed ikun inadegwat. Dan huwa evidenti anke fl-abbuż tal- loading bays. Għaldaqstant, talab sabiex issir talba għal- laqgħa mal-LESA fuq infurzar. Is- Sindku semma li ser jorganizza laqgħa biex tiġi diskussa din is-sitwazzjoni.

8.4.6 *Zebra crossing* - Minority Leader Agius Decelis

Il- Minority Leader Agius Decelis talab jkunx jista' jsir zebra crossing bejn Triq is- Sgħajtar u Franġisku Pisani. Is- Sindku semma li din ser tkun diskussa fit-TMC.

**8.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni**

**8.6.1 Skeda tal-Pagamenti**

L- Iskeda ta' Pagamenti numru 155, kienet preżentata lill- Kunsilliera u kienet approvata nem. con.

**8.6.2 Purchase Orders**

Il-lista ta' Purchase Orders ppreżentata kienet approvata nem. con.

**8.6.3 Works Orders**

Il-lista ta' Works Orders ppreżentata kienet approvata nem. con.

**8.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduti li jmiss.**

Il-laqgha ntemmet fid- 9:30pm u ġiet aġġornata għal-10 ta' Diċembru 2024 fis-6:00pm kif kien maqbul f'laqgħa numru 7 li saret fl- 1 ta' Ottubru 2024.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| **Joseph Gatt** | **Jeremy Bartolo** |
| **Sindku** | **Aġent Segretarju Eżekuttiv** |